MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili - Ghawdex Numru. 12/1991/2

**Annunziata *sive* Nancy xebba, Frances xebba, Nazzareno *sive* Reno, Mary Rose xebba u Grace xebba ahwa Grech u Francesco Vella u b'digriet tal-10 ta' April 1997 it-trasfuzjoni tal-gudizzju ghadda f'isem l-eredi prezunt u cioe` l-armla ta' l-istess rikorrenti Gianna mwielda Farrugia u b'nota tad-29 ta' April 1997 Salvu Vella, Maria Attard u Ganni Vella assumew l-atti flimkien ma' ommhom Gianna Vella**

**vs**

**Anthony Mintoff u b'digriet tad-29 ta' Jannar, 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony, Emanuel, Eucharist, Rev. Michael, Carmen, Josephine mart Michael Zerafa, Mary Jane mart Teddy Said u Rita mart Loreto Xuereb, ahwa Mintoff u Maria Mintoff armla ta' Anthony Mintoff, kif rapprezentati minn Anthony Mintoff, stante il-newt ta' Anthony Mintoff**

**Preliminari**

F’dawn il-proceduri l-intimati b’rikors ta’ 1 ta’ Settembru 2008 qegħdin jitolbu illi din il-kawża, maqtugħa b’sentenza mogħtija minn din il-qorti fid-9 ta’ Lulju 2008, tinstema’ mill-gdid, wara li titħassar dik is-sentenza, għar-raguni illi s-sentenza applikat il-ligi ħazin, kif igħid l-artikolu 811(*e*) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Il-fatti relevanti, fil-qosor, huma dawn:

Ir-rikorrenti kienu talbu r-ripreza tal-pussess ta’ art imsejha ‘Tal-Wilga’ fil-limiti tal-Ghasri, Ghawdex peress illi r-rikorrenti kellhom bzonn ir-raba’ sabiex tinhadem minn Francesco Vella u uliedu.

Ir-rikorrenti għalhekk kien fetħu l-kawża fejn talbu lill-qorti sabiex previa l-likwidazzjoni tal-kumpens talvolta dovut lill-intimati, tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess ta’ l-art u ma jawtorizzax ir-rilokazzjoni tar-raba’ wara l-iskadenza tal-15 ta’ Awwissu 1992.

L-intimat kkontesta dana r-rikors u stqarr li hu ghandu bzonn l-art ghal skopijiet agrikoli sabiex tigi kultivata minnu u minn uliedu u wkoll peress li m’huwiex minnu li r-rikorrent Francis Vella jehtieg l-art ghall-uzu tieghu.

Permezz ta’ risposta ulterjuri, l-intimat eccepixxa li m’huwiex lecitu ghar-rikorrenti ahwa Grech li jirreklamaw ir-ripreza tal-pussess a bazi tal-bzonn tal-komproprjetarju l-iehor jew ta’ xi hadd mill-familjari tieghu. Ghalhekk il-komproprjetarju l-iehor ma jistax jagixxi ghar-ripreza tal-pussess qabel ma tkun giet segregata l-parti tieghu mill-art komuni.

B’sentenza tal-Bord moghtija fit-3 ta’ Dicembru 1997 (fol.50) giet michuda l-eccezzjoni moghtija mill-intimat fir-risposta ulterjuri, u fl-istess hin giet michuda t-talba ghar-ripreza ta’ l-art peress li fil-fehma tal-Bord l-element ta’ “bzonn” ma giex sodisfacentement pruvat.

B'sentenza moghtija fit-3 ta' Dicembru 1999 (fol. 117) il-Qorti ta' l-Appell rrevokat is-sentenza moghtija mill-Bord in kwantu cahdet it-talba tar-rikorrenti ghaliex ma ssodisfawx l-element ta' "bzonn", u ddikjarat li l-element tal-bzonn min-naha tar-rikorrenti gie sodisfacentement ippruvat u ghalhekk l-atti gew rinvjati quddiem dan il-Bord.

B'sentenza ohra moghtija fil-19 ta' Ottubru 2007 il-Bord laqa' t-talba ghar-ripreza tar-raba in kwistjoni u awtorizza lir-rikorrenti jirriprendu r-raba meritu ta' dawn il-proceduri u ddikjara li mhu dovut l-ebda kumpens in kwantu ma tressqux provi li saru xi benefikati kif prospettat mil-ligi. Ghal fini ta' zgumbrament gie ffissat terminu ta' xahrejn mid-data tas-sentenza.

L-intimati appellaw min dina s-sentenza u b'decizjoni tad-9 ta' Lulju 2008 ta' dina l-Qorti, giet michuda l-pregudizzjali sollevata mill-appellati bl-ispejjez kontra taghhom, cahdet ukoll l-appell devolut fl-aggravji kollha tieghu, bl-ispejjez ta' dik l-istanza jibqghu sopportabbli mill-istess appellanti.  Ghal skop ta' zgumbrament it-terminu ta' xahrejn stabbilit mill-Bord jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

**Ritrattazzjoni**

Din is-sentenza tallum hija dwar din it-talba ta' l-intimati għat-tħassir tas-sentenza, fl-istadju tal-proceduri *in rescindendo*.

L-intimati jsostnu li fost l-aggravvji taghhom li gew michuda fl-isemmi appell, gie michud l-ewwel aggravju li permezz tieghu giet sollevata n-nullita' tal-proceduri kollha mertu ta' dik il-kawza  in vista tal-fatt li r-rikors li pprezentaw originarjament ir-rikorrenti, u diversi atti li gew prezentati wara miz-zewg partijiet, gew prezentati quddiem Bord li ma jezistix u li qatt ma kien jezisti.

Illi l-intimati ghalhekk jissottomettu li hemm lok ghar-ritrattazzjonji ta' l-imsemmija sentenza a tenur ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap 12 peress illi d-decizjoni moghtija minn din il-Qorti dwar dan l-aggravju, hija applikat il-ligi

skorrettement billi applikat l-artikolu 789 tal-Kap 12 li jirrigwarda difetti tal-forma fl-atti gudizzjarji, meta fil-fatt kellu japplika l-artikolu 741 ta' l-istess Kap 12 li jipprovdi dwar l-eccezzjoni ta' inkompetenza u partikolarment is-subinciz (b) u (c) ta' l-istess artikolu. Skond l-intimati din ma kienitx biss kwistjoni ta' difett tal-forma imma ta' att gudizzjarju li gie prezentat quddiem Bord hazin li lanqas jezisti, ghalhekk jirrigwarda inkompetenza assoluta. Dina l-kwistjoni kellha titqajjem ex ufficio mill-Qorti nnifisha.

Ir-rikorrenti wiegbu li t-talba ta' l-intimati hija manifestament frivola u vessatorja u intiza biss biex tipprolunga dawn il-proceduri. Dan hu t-tieni appell mis-sentenza tal-Bord b'argumenti repetitivi. Ir-rikors ta' l-intimati mhux bazat fuq applikazzjoni hazina tal-ligi izda fuq zball fl-isem tal-Bord. Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-intimati huwa l-artikolu 789 li kellu japplika ghall-kaz u mhux l-artikolu 741 li jirreferi ghal kompetenza o meno tal-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet**

L-art. 811(*e*) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li taħtu qiegħed jintalab it-tħassir tas-sentenza, igħid hekk:

**811.** Kawza deciza b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell … … … tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

… … …

(*e*) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi ħazin; għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;

Relevanti wkoll huwa l-art. 816 fil-parti li tgħid hekk:

**816.** Fir-rikors [li bih jintalab it-tħassir tas-sentenza u s- smigħ mill-gdid tal-kawża] … … … meta r-raguni hija l- applikazzjoni ħażina tal-ligi, l-attur għandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.

Dwar l-aggravju ta' l-intimati li fuqu qed tigi bbazata ir-ritrattazzjoni dina l-Qorti fis-sentenza taghha tad- 9 ta' Lujlu 2008 iddecidiet hekk:

"Kif rilevat mill-appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom, l-ewwel motiv ta' aggravju mqanqal mill-appellanti ma jidherx li jimmerita wisq approfondiment. Huwa fatt li l-indikazzjoni ta' l-isem tal-Bord adit fl-att promotur hi wahda zbaljata ghaliex dan il-ligi stess, ex-Artikolu 2 tal-Kapitolu 199, tispecifika t-tifsira tal-kelma "Bord". Ciononostante, l-appellanti ma jistghux jippretendu illi f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri in sede appell jinvokaw in-nullita ta' l-atti meta huma ma jkunu ghamlu xejn biex jimpedixxu dak l-izball, u anzi, l-intimat ikun accetta r-rikors b'dak l-isem tal-Bord indikat hazin, u sahansitra, ippartecipa fil-proceduri quddiem il-Bord minghajr ma ssolleva dik l-indikazzjoni erronea. Dan hu sew estratt mill-konsiderazzjoni ta' l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12. Ara ghal dak li jiswa s-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet "**Monica Caruana *et* -vs- Joseph Borg *et***". In effetti, ukoll, il-punt issa mqanqal qatt ma fforma kontroversja quddiem il-Bord u allura mhux lanqas lecitu illi l-appellanti jintroducu f'dan l-istadju cirkustanzi guridici li ma gewx allegati u lanqas definiti mill-ewwel tribunal. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint"

Il-Qorti ta' Appell ghalkemm accettat li l-isem tal-Bord fl-att promotur kien zbaljat, nonostante dana, irriteniet li l-intimati ma setghux jippretendu li f'dak l-istadju inoltrat ta' l-Appell jinvokaw in-nullita' ta' l-atti meta huma stess ma ghamlu xejn biex jimpedixxu dak li zball, anzi accettaw dak l-att u ppartecipaw fil-proceduri kollha u meta dana qatt ma kienx punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti ta’ l-Appell ikkonsidrat l-aggravju ta’ l-intimati bhala wiehed li jirrigwarda n-nullita’ ta’ l-atti u mhux bhala xi eccezzjoni dwar l-kompetenza tal-Bord, kif wara kollox huma indikaw fir-rikors ta’ l-appell taghhom u per konsegwenza l-Qorti applikat l-artikolu 789 tal-Kap 12. Jirrizulta li l-intimati ma indikaw ebda provvediment iehor tal-ligi li kellu jigi applikat mill-Qorti ta’ l-Appell u la qajmu eccezzjoni dwar kompetenza tal-Bord quddiem il-Qorti ta’ l-Appell meta sar l-ewwel appell mis-sentenza tat- 3 ta’ Dicembru 1999 u lanqas meta sar it-tieni appell mis-sentenza tad- 9 ta’ Lulju 2008. Huma kien qed jirreferu biss fl-appell taghhom ghan-nullita’ ta’ proceduri. Din il-Qorti tirrileva li l-Qorti ta’ l-Appell ma qajjmitx *ex ufficio* eccezzjoni simili billi ghaliha l-aggravju ma kienx jinkwadra fl-eccezzjoni ta’ inkompetenza.

Ir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni mhux ammissibbili meta s-sentenza tista’ tigi mpunjata bil-mezzi ordinarji ta’ l-appell. Fil-kaz in ezami l-intimati ma kienux qajmu dana l-aggravvju meta sar l-ewwel Appell u qajmuh biss meta sar it-tieni appell mis-sentenza tad 9 ta’ Lulju 2008. Il-Qorti kienet ikkunsidrat dak l-aggravju u ddecidiet li ma kienx jimmerita li jiqi milqugh. Minn dak l-appell ghalhekk ma jistax issa isir appell iehor quddiem dina l-Qorti, bi skuza tal-procedura ta’ ritrattazzjoni. Il-Qorti ta’ l-Appell ikkunsidrat l-aggravju ta’ l-intimati bhala wiehed li jrrigwarda difett fil-forma cjoe’ ta’ zball li setgha jittranga billi ‘ssir korrezzjoni. Fil-fehma tal-dina l-Qorti, l-Qorti ta’ l-Appell identifikat sew x’kien l-aggravju ta’ l-intimati u ma kien hemm xejn x’jindika mod iehor mill-appell ta’ l-intimati. Hemm differenza shiha bejn il-kuncett legali ta’ inkompetenza tal-Qorti u nullita’ tal-proceduri. Jista’ jkollok procedure li jigu dikjarati nulli minn qorti kompetenti.

Anke jekk, ghall grazzja ta’ l-argument biss, kellu jirrizulta li l-Qorti ta’ l-Appell ghamlet apprezzament zbaljat dwar dak sottomess lilha, u hija tat l-interpretazzjoni taghha fuq l-istess, dan xorta wahda ma jaghtix lok ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni billi “l-ipotezi ta’ applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta’ ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-

interpretazzjoni, razjocini jew argumenti". (G.Xuereb vs D.Xuereb App. 20 ta' Jannar 1992).

**Decide**

Ghal dawn il-motivi
Tiddeciedi billi tichad t-talba ta' l-intimati ghas-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet premessi taht il-Kap minnhom imsemmi,
Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------